MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 301/2014

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu l-erba (4) ta’ Ottubru tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (1997) u dan minn kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok A, liema zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta;

Illi minn dan iz-zwieg tal-koppja kien hemm wild bl-isem ta’ JB li llum tghodd hmistax-il sena (15);

Illi l-partijiet isseparaw b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Carmel Gafa’ tad-disa u ghoxrin (29) ta’ Novembru 2003 hawn anness u markat Dok B;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom aktar minn ghaxar snin legalment u fattwalment separati minn xulxin u qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin tant li r-rikorrenti qeghda f’relazzjoni ohra bi hsieb ta’ zwieg jekk ikun hemm ezitu pozittiv minn dawn il-proceduri li hija qeghda tinizzja permezz ta’ dan ir-rikors;

Illi fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni (pagna 1 klawsola 2) l-partijiet reciprokament iddekadew mid-dritt reciproku tal-manteniment, fil-waqt li fil-kaz tal-minuri l-missier obbliga ruhu li jhallas lill-esponenti s-somma ta’ hmistax-il lira Maltin (LM 15) fil-gimgha, ekwivalenti ghal hamsa u tletin euro u ghaxar centezmi ta’ Euro (€35.10);

Illi dawn il-fatit hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Ir-rikorrenta tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Camilleri u dan minn kif johrog mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok A;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registratur Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-1 ta’ Awissu 2014;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta’ Novembru, 2003 u ilhom de facto separati ghal aktar minn ghaxar snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll lli ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.  Il-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti fuq talba taghha stess sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Camilleri;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------